# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 16**

**Avviz numru 1434/00/SM**

**Securich 4 x 4 Limited precedentement Securich Co. Limited.**

**vs**

**Ray Grech Marguerat**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija u disgha u disghin u tmienja u tmenin centezmu (LM499.88,0) rapprezentanti import ta' erbgha kambjali skaduti, accettati u firmati mminu;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2000 u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorji prezentati kontestwalment, u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 29 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha bis-somma ta' LM300 stante pagament fil-mori tal-kawza u zammet il-bilanc ta' mija disa u disghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (LM199.88,0) kif ukoll zammet ferm il-kap tal-ispejjez;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba kif ridotta tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**